# IL-PRIJORITAJIET STRATEĠIĊI TAL-EBA

1. L-EBA qablet mal-Bord tat-Tmexxija u l-Bord tas-Superviżuri tagħha dwar il-prijoritajiet ewlenin għall-organizzazzjoni fl-2021, u konsegwentement ibbażat dan l-ipprogrammar fuq dawn il-prijoritajiet. It-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 (Coronavirus) ħolqot sfidi immedjati sinifikanti għas-soċjetà u għas-settur bankarju. Konsegwentement, il-programm ta' ħidma tal-2020 tal-EBA ġie aġġustat biex jikkunsidra dan l-ambjent, billi jindirizza t-tħassib immedjat, filwaqt li jwettaq il-mandati eżistenti u jdewwem oħrajn. L-EBA għamlet ukoll reviżjoni tal-ippjanar tagħha għall-2021, ipprijoritizzat mill-ġdid il-kompiti tagħha, u identifikat prijorità orizzontali ġdida biex tindirizza l-konsegwenzi tal-COVID-19.

2. Minkejja d-diffikultajiet maħluqa minn din is-sitwazzjoni straordinarja, fl-2021 l-EBA se taħdem bis-sħiħ biex tiżgura t-twettiq f'waqtu tal-mandati kollha li rċeviet mingħand il-koleġiżlaturi. Aġġustament ewlieni wieħed għall-programm ta' ħidma tal-2020 kien il-posponiment tal-eżerċizzju tat-test tal-istress mal-UE kollha mill-2020 għall-2021 biex jippermetti lill-banek jiffokaw fuq u jiżguraw il-kontinwità tal-operazzjonijiet ewlenin tagħhom u jagħtu appoġġ lill-klijenti fil-bidu tal-pandemija. L-eżerċizzju tat-test tal-istress mal-UE kollha tal-2021 se jkun kruċjali għall-valutazzjoni tar-reżiljenza tal-istituzzjonijiet finanzjarji għal aktar żviluppi avversi fis-suq, b'mod partikolari rilevanti fl-2021 fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19.

3. L-attivitajiet tal-EBA jiġbru r-riżultati tal-EBA fis-sena li ġejja derivati mill-kompiti speċifikati fir-Regolament tal-EBA u mil-leġiżlazzjoni rilevanti tas-settur bankarju tal-UE. Dawn jinkludu l-kompiti li jirriżultaw mir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni li għamlu l-ASE kif ukoll bidliet regolatorji reċenti b'reazzjoni għas-sitwazzjoni ekonomika attwali.

4. It-tħejjija ta' dan id-dokument huwa eżerċizzju essenzjali biex jiġi ddeterminat il-fokus tal-ħidma tal-EBA fl-2021 u fejn għandha talloka r-riżorsi tagħha. Il-prijoritajiet u l-iskadenzi speċifiċi huma soġġetti għall-approvazzjoni tal-Bord tas-Superviżuri tal-EBA, qabel it-30 ta' Settembru 2020, abbażi ta' proposta mill-Bord tat-Tmexxija.

5. Konxja mill-ambjent ekonomiku attwali diffiċli, l-EBA tinsab lesta wkoll biex tkompli taġġusta l-ħidma tagħha jekk talbiet eċċezzjonali maħluqa mill-kriżi tal-COVID-19 jirrikjedu dan, filwaqt li tiżgura l-mandat ewlieni tagħha li żżomm qafas prudenzjali robust biex trawwem l-istabbiltà finanzjarja u l-protezzjoni għad-depożitanti u l-konsumaturi.

6. Il-programm ta' ħidma jidentifika wkoll oqsma potenzjali għat-titjib fil-futur, inkluż l-emenda jew l-estensjoni possibbli tal-mandati attwali. Dawn il-bidliet ikunu dipendenti fuq il-modifiki leġiżlattivi u l-approvazzjoni mill-korpi governattivi tal-EBA.

7. Dan l-ipprogrammar josserva wkoll il-Prijoritajiet Strateġiċi tal-Unjoni ddefiniti mill-EBA għall-perjodu 2020-2022, jiġifieri s-sostenibbiltà tal-mudelli tan-negozju u strutturi ta' governanza adegwati. B'mod konkret, dawn ġew indirizzati fil-prijorità strateġika II (Ir-reviżjoni u l-aġġornament tal-qafas tal-ittestjar tal-istress tal-EBA mal-UE kollha), III (Insiru ċentru integrat tad-*data* tal-UE, nisfruttaw il-kapaċità teknika mtejba għat-twettiq ta' analiżi flessibbli u

komprensiva) u l-prijorità orizzontali a) (L-istabbiliment ta' kultura ta' governanza soda u effettiva u kondotta tajba fl-istituzzjonijiet finanzjarji).

8. Dan il-programm ta' ħidma jibbenefika għall-ewwel darba mill-kontribut tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Proporzjonalità (ACP) li għadu kemm ġie stabbilit. Wieħed mill-kompiti tal-ACP huwa li jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kif il-programm ta' ħidma jista' jittejjeb biex jiġu kkunsidrati d-differenzi speċifiċi li jeżistu fis-settur. Għal din l-ewwel sena, il-Kumitat issottometta ittra ta' rakkomandazzjonijiet lill-Bord tas-Superviżuri tal-EBA fejn għażel ħames temi li għalihom issuġġerixxa titjib possibbli ta' miżuri ta' proporzjonalità li huma i) l-IFD/IFR għal Ditti ta' investiment, ii) il-Linji Gwida riveduti tal-SREP, iii) il-Linji Gwida dwar il-governanza interna, iv) l-ispiża tal-istudju ta' konformità u v) il-mudelli ta' żvelar dwar ir-riskji ESG. Dan l-input tal-ACP se jiġi inkorporat matul l-eżekuzzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-2021 u vvalutat mill-Kumitat meta jkun qed jipprovdi l-kummenti ex post tiegħu biex jiġu inklużi fir-Rapport Annwali tal-EBA tal-2021.

## Id-definizzjoni ta' prijoritajiet speċifiċi għall-2021

### I. L-appoġġ għall-użu tal-pakkett għat-tnaqqis tar-riskju u l-implimentazzjoni ta' għodod ta' riżoluzzjoni effettivi

9. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pakketti leġiżlattivi ġodda CRD/CRR, BRRD u IFD/IFR, li jassenjaw diversi mandati lill-EBA bil-għan li jkomplu jsaħħu r-reżiljenza u r-riżolvibbiltà tal-banek u d-ditti tal-investiment tal-UE, se tibqa' prijorità fundamentali fl-2021. Fl-aħħar tal-2019, l-EBA rċeviet aktar minn 100 mandat ġdid. Ħafna minn dawn il-mandati huma meħtieġa li jkunu fis-seħħ f'anqas minn sentejn. Dawk li jifdal għandhom natura rikorrenti, li tirrifletti r-rwol tal-EBA fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tajba u konverġenti tal-Ġabra Unika tar-Regoli fl-UE, jew jikkunsidraw perspettiva li tħares 'il quddiem, fejn l-EBA topera bħala aġent biex tosserva u tagħti pariri.

10. L-EBA se twettaq il-mandati skont il-prijoritajiet stabbiliti fl-2019 u deskritti fil-pjanijiet direzzjonali differenti. Il-pjan direzzjonali għall-approċċi ġodda tar-riskju tal-kreditu tas-suq u tal-kontropartijiet[1], jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn ir-riżultati tal-EBA f'dan il-qasam u jiddeskrivi l-intenzjonijiet tal-EBA bil-ħsieb li tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel tal-approċċi l-ġodda fl-UE. L-EBA ppubblikat ukoll il-pjanijiet direzzjonali dwar il-pakkett għat-tnaqqis tar-riskju[2] li l-mandati tiegħu huma ffokati prinċipalment fl-oqsma tal-governanza u r-rimunerazzjoni, l-iskoperturi kbar, ir-riżoluzzjoni kif ukoll ir-rappurtar u l-iżvelar. Minbarra li jiċċaraw is-sekwenzar tal-mandati u r-raġuni wara l-prijoritizzazzjoni tagħhom, il-pjanijiet direzzjonali għandhom l-għan li jipprovdu għarfien preliminari tal-mandati flimkien ma' xi gwida ta' politika. Permezz ta' din il-ħidma, l-EBA se tikkontribwixxi biex il-Ġabra Unika tar-

[1] https://eba.europa.eu/eba-publishes-its-roadmap-for-the-new-market-and-counterparty-credit-risk-approaches-and-launches-consultation-on-technical-standards-on-the-ima-under

[2] https://eba.europa.eu/eba-publishes-its-roadmap-risk-reduction-measures-package

Regoli Ewropea ssir aktar komprensiva, proporzjonata u adatta biex tirrifletti l-iżviluppi fis-settur bankarju.

11. L-EBA se tħejji wkoll standards tekniċi, linji gwida u rapporti biex tappoġġja l-implimentazzjoni f'waqtha tar-reġim prudenzjali ġdid għad-ditti tal-investiment[3]. Dan ir-reġim ġdid iddedikat u mfassal apposta juża metriċi ewlenin, bħal assi totali taħt ġestjoni jew flussi ta' negozjar ta' kuljum, biex jidentifika r-riskji maħluqa minn dawn id-ditti, li, minħabba r-riskji għall-klijenti u s-swieq, se jkunu suġġetti għal rekwiżiti kapitali ta' negozju attiv u ta' negozju magħluq. Bl-istess mod, aspetti oħra, bħar-rekwiżiti ta' likwidità, il-limiti ta' konċentrazzjoni, ir-riskji li jirriżultaw minn attivitajiet ta' kummerċ, u r-rekwiżiti ta' rappurtar u ta' żvelar, huma essenzjali biex jiġi żgurat ambjent f'saħħtu għall-investituri li jiddependu fuq dawn is-servizzi.

12. L-EBA se tkompli taħdem ukoll biex trawwem iż-żieda tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tas-sistema bankarja tal-UE. Ir-riżolvibbiltà tal-banek tjiebet mill-implimentazzjoni tal-BRRD u se tibbenefika minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi msaħħa. L-EBA se tiżgura li l-qafas leġiżlattiv jitlesta primarjament billi jingħataw lill-Kummissjoni numru ta' RTS immirati biex jiżguraw l-iffissar u r-rappurtar xieraq ta' rekwiżiti minimi għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MRELs). Barra minn hekk, billi tieħu vantaġġ mill-esperjenza tas-snin riċenti u timmassimizza l-missjoni u r-rwol ċentrali tagħha, l-EBA qed tiżviluppa firxa wiesgħa ta' inizjattivi sabiex tiffaċilita l-konverġenza u l-operazzjonalizzazzjoni suffiċjenti tad-diversi stadji fl-irkupru u r-riżoluzzjoni. L-EBA se twettaq analiżi fil-fond tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà u l-identifikazzjoni tal-prattiki ta' impediment, u tal-konsistenza tal-kriterji applikati biex tiġi ddeterminata l-kritikalità tas-servizzi u l-funzjonijiet.

13. Lil hinn mill-monitoraġġ tal-aħjar prattiki u tal-konverġenza, l-EBA se tiffaċilita l-operazzjonalizzazzjoni tal-għodod tar-riżoluzzjoni u l-interazzjonijiet mal-liġijiet tat-titoli u tal-kompetizzjoni. L-EBA se tkompli tikkunsidra r-rabtiet importanti bejn il-fażijiet ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni billi tiffoka b'mod partikolari fuq l-aspetti importanti tal-indikaturi ta' rkupru u tal-miżuri ta' intervent bikri. Finalment, l-EBA se tiżgura li l-kulleġġi jkunu ppreparati għal sitwazzjonijiet ta' stress għoli u li javviċinaw suġġetti ewlenin b'mod ġust u effettiv, b'mod partikolari fir-rigward tal-aspetti operattivi ewlenin tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni, bit-tneħħija tal-impedimenti għar-riżolvibbiltà u tal-iffissar ta' MRELs.

## II. Ir-reviżjoni u l-aġġornament tal-qafas tal-ittestjar tal-istress tal-EBA mal-UE kollha

14. Wara t-tifqigħa tal-COVID-19, l-EBA ddeċidiet li tipposponi t-test tal-istress mal-UE kollha għall-2021[4], bħala miżura biex ittaffi l-piż operattiv immedjat għall-banek f'dan il-mument ta' sfida, u anke biex ittawwal id-diskussjonijiet dwar il-bidliet futuri fil-qafas.

15. L-eżerċizzju tal-2021 se jsegwi struttura simili f'termini ta' metodoloġija, kampjun u perjodu tal-eżerċizzju tal-2020. Il-metodoloġija x'aktarx se tibqa' l-istess, ħlief għal ftit żbalji klerikali

[3] https://eba.europa.eu/sites/default/documents/files/document_library/Regulation%20and%20Policy/Investment%20firms/884436/EBA%20Roadmap%20on%20Investment%20Firms.pdf

[4] https://eba.europa.eu/eba-statement-actions-mitigate-impact-covid-19-eu-banking-sector

kkoreġuti u l-inkorporazzjoni ta’ ċerti kwistjonijiet (relatati ma’ FX, moratorji u garanziji pubbliċi u bidliet oħra fir-regolament) li jkunu saru aktar saljenti u jimmeritaw li jiġu indirizzati b’mod aktar strutturat milli bil-FAQs FX.

16. L-eżerċizzju tal-2021 se jappoġġja l-ħidma tal-EBA fir-rigward tal-Prijorità Superviżorja Strateġika tal-Unjoni dwar is-sostenibbiltà tal-mudelli tan-negozju billi jipprovdi informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva preċiża dwar is-saħħa finanzjarja tas-settur bankarju tal-UE.

17. L-EBA bdiet riflessjoni dwar bidliet aktar strutturali fit-tul, it-test tal-istress mal-UE kollha se jkompli jkun eżerċizzju mikroprudenzjali b’objettiv ta’ identifikazzjoni tar-riskju kemm għas-superviżuri kif ukoll għall-banek, u se jkompli jipprovdi informazzjoni lis-suq dwar is-saħħa tas-sistema bankarja. L-għan huwa li dan l-eżerċizzju jsir aktar integrat fil-proċessi superviżorji u li l-banek jiġu inċentivati aktar biex jiżviluppaw aktar l-oqfsa tal-ġestjoni tar-riskju tagħhom.

18. Bħala l-ewwel pass, l-EBA organizzat diversi workshops u roundtables biex tiddiskuti l-lezzjonijiet meħuda u l-approċċi potenzjali ġodda mal-partijiet interessati rilevanti kollha, inklużi l-akkademja u l-industrija. Ġie ppubblikat dokument ta’ diskussjoni f’Jannar 2020 dwar il-bidliet fit-tul fl-ittestjar tal-istress, sabiex b’mod formali tiġbor il-kontribut mingħand il-partijiet interessati. Abbażi tal-feedback li rċeviet, l-EBA, flimkien mal-Awtoritajiet Kompetenti u l-mekkaniżmu superviżorju uniku, se tfassal metodoloġija ġdida li se tiġi introdotta għat-test tal-istress mal-UE kollha għall-2023 fl-iqsar żmien possibbli.

## III. Insiru ċentru integrat tad-*data* tal-UE, nisfruttaw il-kapaċità teknika mtejba għat-twettiq ta’ analiżi flessibbli u komprensiva

19. Mill-2021 ’il quddiem, l-EBA se tkun f’pożizzjoni li tipprovdi lill-partijiet interessati esterni, inklużi l-Awtoritajiet Kompetenti u l-leġiżlaturi tal-UE, b’analiżi aktar f’waqtha u komprensiva bbażata fuq l-evidenza. Peress li l-għan ewlieni tal-proġett taċ-ċentru tad-*data* tal-UE kien li jipprovdi valutazzjonijiet tal-impatt u tal-proporzjonalità aktar komprensivi, l-EBA tistenna żieda fit-talbiet għad-*data* mill-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti u mill-partijiet interessati esterni. Barra minn hekk, b’rappreżentanza ogħla miksuba, ir-riskju u l-miżuri ta’ politika se jkunu aktar affidabbli u se jgħinu biex tinżamm id-diversità fix-xenarju bankarju tal-UE.

20. L-EBA se tkun ċentru tad-*data* għas-servizz tal-awtoritajiet kompetenti u tal-pubbliku. Kif approvat mill-Bord tas-Superviżuri tal-EBA, id-*data* kwantitattiva tal-Pilastru 3 se tiġi integrata mad-*data* tar-rappurtar superviżorju bl-aħjar mod possibbli, u l-EBA se taġixxi bħala ċentru għall-iżvelar tal-Pilastru 3.

21. Attwalment l-ambitu tad-*data* li għandha tiġi rrappurtata huwa limitat għal *data* superviżorja u għal *data* prinċipali, li jimlew ir-Reġistru tal-Istituzzjonijiet tal-Kreditu u r-Reġistru tal-Istituzzjonijiet tal-Pagamenti. Dan l-ambitu se jiġi estiż fi żmien qasir. Fost rekwiżiti oħrajn, fl-2020 l-EBA se jkollha tiġbor id-*data* ta’ riżoluzzjoni għall-popolazzjoni bankarja kollha. Bil-pakkett CRD/CRR il-ġdid, se jiġi stabbilit reġistru ġdid għad-ditti tal-investiment u se tinġabar xi *data* superviżorja għal dawn l-entitajiet ukoll. L-EBA se ssaħħaħ ir-rwol tagħha fis-superviżjoni tal-AML/CFT mill-awtoritajiet nazzjonali, u se jkollha ssaħħaħ ir-rwol tagħha fil-

ġbir, l-analiżi u t-tixrid ta' informazzjoni relatata mar-riskji tal-ħasil tal-flus/tal-finanzjament tat-terroriżmu u mas-superviżjoni tal-AML/CFT. L-EBA se tiġbor *data* dwar il-frodi relatata mal-ħlasijiet skont il-Linji Gwida tal-EBA dwar ir-rappurtar tal-frodi. L-impatti fuq ir-riżorsi se jiġu minn kanali relatati mal-esplorazzjoni, it-tixrid u l-analiżi tad-*data*, u jistgħu jiġu wkoll mill-eżitu ta' studju ta' fattibbiltà fuq qafas ta' rappurtar integrat tal-UE. Dawn ir-rekwiżiti addizzjonali se jiġu ssodisfati bl-użu tal-istess pjattaforma EUCLID.

22. Finalment, iċ-ċentru tad-*data* tal-EBA huwa wkoll ta' importanza ewlenija fil-ħidma tal-EBA fir-rigward tal-Prijorità Superviżorja Strateġika tal-Unjoni dwar is-sostenibbiltà tal-mudelli tan-negozju peress li dan iċ-ċentru tad-*data* se jkun il-punt tat-tluq għall-ħidma analitika tal-EBA meħtieġa biex jingħata appoġġ lix-xogħol analitiku fuq il-mudelli tan-negozju tal-banek.

## IV. Il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp sod ta' innovazzjoni finanzjarja u reżiljenza operattiva fis-settur finanzjarju

23. Fl-2021 l-EBA se tkompli tiffoka fuq l-iżgurar tan-newtralità teknoloġika fl-approċċi regolatorji u superviżorji. Dan se jitwettaq bil-monitoraġġ tal-iżviluppi u bl-appoġġ għall-kondiviżjoni tal-għarfien bejn is-superviżuri u l-pożizzjonijiet regolatorji u superviżorji komuni permezz tal-FinTech Knowledge Hub tal-EBA u l-EFIF konġunt tal-ASE, permezz ta' analiżi tematika u permezz ta' reazzjonijiet ta' politika potenzjali. L-oqsma speċifiċi ta' ħidma jinkludu teknoloġiji ta' pjattaforma, regolatorji u superviżorji, ħidma ulterjuri fuq ir-reżiljenza operattiva, u l-għarfien tal-iżviluppi fil-kriptoassi, l-intelliġenza artifiċjali u l-big data.

## V. Il-bini tal-infrastruttura fl-UE biex tmexxi, tikkoordina u timmonitorja s-superviżjoni tal-AML/CFT

24. Ir-reviżjoni tal-ESA żiedet b'mod sostanzjali r-rwol u l-missjoni tal-EBA fir-rigward tal-AML/CFT mill-2020. L-EBA se tkompli tmexxi l-iżvilupp tal-politika u tippromwovi l-implimentazzjoni effettiva u konsistenti tal-politika mill-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti. L-informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva se tinġabar mill-EBA fl-2021 sabiex tinbena bażi tad-*data* biex jitrawwem l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti u biex jingħata appoġġ lill-kulleġġi l-ġodda tal-AML. Dan se jippermetti wkoll li l-EBA tidentifika l-vulnerabbiltajiet u tiddeterieġi t-talbiet lill-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti biex jinvestigawhom u jindirizzawhom. L-istrateġija tar-riskju se tappoġġja l-valutazzjonijiet tematiċi tar-riskju tal-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti biex tiżgura li r-riskji fil-livell tal-UE jiġu indirizzati b'mod effettiv.

## VI. Il-provvista tal-politiki għall-kunsiderazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji ESG

25. Il-ħtieġa għall-promozzjoni ta' żvelar, governanza u ġestjoni tar-riskju aħjar ta' fatturi tar-riskju ESG se tkun urġenti fl-2021. L-EBA se tipproduċi r-rapport dwar l-inkorporazzjoni tal-ESG fil-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjonijiet u s-superviżjoni, l-istabbiliment tad-direzzjoni politika, indikaturi u metodi dwar il-governanza relatata mal-ESG, il-ġestjoni tar-riskju u s-superviżjoni. L-EBA se tħejji wkoll l-ITS dwar l-iżvelar tal-ESG fil-Pilastru 3 fejn tiddeskrivi l-

informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar fatturi ambjentali (eż. il-klima), soċjali u ta' governanza. Barra minn hekk, l-EBA se tappoġġja u timmonitorja l-isforzi tas-suq biex ittejjeb l-approċċi għall-analiżi tax-xenarji u l-ittestjar tal-istress, filwaqt li tiġbor evidenza dwar it-trattament prudenzjali tal-assi assoċjati mal-objettivi ambjentali u/jew soċjali. L-EBA se tkompli wkoll tipparteċipa f'inizjattivi globali, Ewropej u nazzjonali f'dan ir-rigward.

## Il-fokus fuq il-prijoritajiet orizzontali għall-2021

26. B'riżultat tal-prijoritajiet strateġiċi orizzontali, l-EBA se tara li tieħu ħsieb b'mod speċjali dan li ġej fl-2021.

### a. L-istabbiliment ta' kultura ta' governanza soda u effettiva u ta' kondotta tajba fl-istituzzjonijiet finanzjarji

27. L-EBA se taħdem biex tiżgura li l-kwistjonijiet dwar il-governanza, il-kondotta, inkluż it-trattament tal-klijenti u l-AML/CFT, kif ukoll il-fatturi ta' sostenibbiltà, jinqabdu b'mod adegwat fl-oqfsa superviżorji rilevanti, b'mod partikolari billi tiżgura li l-kwistjonijiet ta' governanza u ta' kondotta jiġu indirizzati b'mod suffiċjenti anke permezz tal-qafas ta' kontroll intern tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Din il-prijorità orizzontali hija riflessjoni tal-Prijorità Superviżorja Strateġika tal-Unjoni dwar l-arranġamenti adegwati ta' governanza li ġiet adottata mill-Bord tas-Superviżuri f'Marzu 2020 għall-programmi ta' ħidma tal-2021.

### b. Nindirizzaw il-konsegwenzi tal-COVID-19

28. L-EBA se tkun attiva fil-monitoraġġ u l-mitigazzjoni tal-effetti tal-COVID-19 fuq il-banek tal-UE, billi tippromwovi azzjonijiet ikkoordinati tal-awtoritajiet kompetenti. L-EBA se tintensifika l-valutazzjoni tal-kwalità tal-assi kif ukoll il-monitoraġġ tal-użu ta' moratorji u garanziji pubbliċi sabiex tiżgura li l-metriċi ta' riskji jibqgħu affidabbli u li l-banek ikunu jistgħu jappoġġjaw l-irkupru u jlaħħqu mat-telf li potenzjalment ikun qed jiżdied. Skont l-evoluzzjoni tal-kundizzjonijiet pandemiċi u ekonomiċi, se jkun ukoll ta' importanza kbira li l-banek jingħataw ċarezza dwar il-perjodu tat-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq id-dividendi u l-bini mill-ġdid tal-bafers kapitali.

29. Barra minn hekk, il-COVID-19 se tkun katalist biex l-EBA ssir aġenzija kompletament diġitali fis-snin li ġejjin. L-objettiv li ssir Aġenzija Diġitali diġà kien inkluż fl-Istrateġija tal-IT, li kienet ġiet approvata mill-Bord tas-Superviżuri f'Diċembru 2019. L-EBA żgurat il-kontinwità tan-negozju matul il-pandemija, iżda l-pass li jmiss tagħha se jkun li taġġorna s-sistemi u l-proċessi tagħha sabiex il-prestazzjoni, is-sigurtà tad-*data*, il-fluss ta' informazzjoni lill-Awtoritajiet Kompetenti, istituzzjonijiet pubbliċi u oħrajn u l-ambjent ta' sikurezza għall-impjegati tagħha jiġu mtejba u magħmula aktar reżiljenti.